MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 383/2013

**Rodney Testa**
**ID. 550879M**

**Vs**

**Joseph Azzopardi u Salvina sive Sylvia Azzopardi Herbert**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2013 fejn l-attur talab l-attur u l-konvenut Joseph Azzopardi kienu jesperaw f'partnership taht l-isem ta' Ahead Technologies bin-numru tal-VAT 170069025. Fil-11 ta' Settembru tal-2007 gie ffirmat ftehim bejn l-attur u l-konvenuti fejn l-attur inhall minn kull rabta kummercjali u ossenja u ttrasferika lill-konvenuti s-sehem tieghu mill-entita Ahead Technologies b'konuzzjonijiet fosthom illi x-xogholijiet li saru bejn il-partijiet qabel id-data mifthema tal-10 t'Awissu, 2007 li huma ndikati b'dok A tal-ftehim, li huwa parti ntegrali mill-ftehim, il-partijiet qablu u ftehmu li kif jinqabsu l-ammonti dovuti,

immedjatament kull parti tiehu nofs l-ammont li jigi rekuperat. L-ammonti dovuti ngabru u l-attur ma hax in-nofs dovut lilu kif ser jigi ppruvat.

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-initmati jhallsu lill-attur l-ammont ta' elfejn mija tmienja u disghin ewro u tletin centezmu (€2,198.30).

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fil-21 ta' Ottubru, 2013 fejn eccepew illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, u dan inter alia minhabba r-ragunijiet illi jsegwu.

2. Illi ai termini tal-klawsola numerata erbgha (4) tal-ftehim tal-11 ta' Settembru, 2007, il-kontendenti ftehmu illi "x-xogholijiet li saru bejn il-partijiet qabel d-data mifthema tal-10 t'Awissu 2007 huma dawk indikati f'Dok. 'A' li ghandha tigi kunsidrata bhala parti integrali ma dan il-ftehim. **Illi l-partijiet jaqblu w jiftehmu illi kif jingabru l-ammonti dovuti, immedjatament kull parti tiehu nofs l-ammont li jigi rekuperat."**

3. Illi kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh tal-kawza, filwaqt illi kwalsiasi ammont illi gie rkupratmix-xogholijiet li saru bejn il-partijiet qabel id-data tal-10 ta' Awissu, 2007 gie ugwalment diviz bejnithom kif gie miftiehem ai termini tal-klawsola 4 tal-ftehim suriferit, l-ammnt mitlub mill-attur permezz tal-proceduri de quo jirrapprezenta l-ammont illi baqa' qatt ma gie rkuprat, u ghaldaqstant tali ammont bl-ebda mod ma huwa dovut mill-eccipjenti.

4. Illi l-attur ghandu kull dritt illi jirkupra, huwa stess, l-ammont mertu tal-proceduri de quo mill-klijenti precedenti illi kellhom l-kontendenti fin-negozju taghhom, izda dan ghandu jaghmlu billi jiehu l-passi opportuni fil-konfront ta' dawn l-istess klijenti u mhux fil-konfront tal-esponenti.

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Din hija kawza fejn il-partijiet kienu jahdmu bi shab izda waslu f'punt fejn xtaqu jinfirdu. Filfatt sar kuntratt fejn il-konvenut xtara l-isem minghand l-attur u t-tnejn baqghu jahdmu ghal rashom. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt kienet illi kien ghad fadal xi flejjes x'jingabru li gie mnizzel illi malli dawn jingabru l-konvenut ihallas nofshom lill-attur. Dan baqa ma sehhx u l-attur fetah kawza kontra l-konvenut.

L-attur gab xhieda l-persuni li kien ghas fadlilhom ihallsu u bil-gurament taghhom ikkonfermaw illi huma kienu hallsu s-somma dovuta minnhom.

Il-konvenut min-naha tieghu ma gabx prova illi tali flus ma thallsux jew xi prova li ma rnexxilux jirkupra l-flus imsemmija.

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal iqis illi l-attur irnexxilu jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk jikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil attur s-somma ta' elfejn mija tmienja u disghin ewro u tletin centezmu (€2,198.30) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------